# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 14 ta' Lulju 2022**

**Kawza Numru: 5**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 217/2021 JVC**

**Polidano Brothers Limited (C8884)**

**vs**

**Master Construction Limited (C87032)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn Paul Polidano in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti Polidano Brothers Limited ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

'Illi s-socjeta' rikorrenti Polidano Brothers Limited, kumpanija registrata f'Malta bl-indirizz Hal Farrug Road, Luqa u bin-numru

tar-registrazzjoni C 8884, topera fis-settur tal-kostruzzjoni u inter alia tissupplixxi materjal u servizzi relatati mal-industrija tal-kostruzzjoni;

Illi s-socjeta' intimata Master Construction Limited, kumpanija registrata f'Malta bl-indirizz Block B No 4, Triq 25 ta' Novembru, Zejtun, topera ukoll f'dan l-istess settur tal-kostruzzjoni;

Illi sa minn Frar tal-2020 u sussegwentement, skond struzzjonijiet tas-socjeta' intimata, is-socjeta' rikorrenti issupplixxiet materjal skont kif rikjest mis-socjeta' intimata;

Illi s-socjeta' rikorrenti ottemporat ruhha mall-istruzzjonijiet moghtija u kienet dejjem professjonali kemm in kwantu fir-rigward tal-materjal provdut li kien dejjem skond l-istandards rikjesti, kif ukoll dejjem ipprovdiet l-istess servizzi fil-hin u minghajr l-ebda dewmien, anke meta s-socjeta' intimata ma kientx qed tonora l-obbligi taghha u thallas lis-socjeta' rikorrenti kif mifthiem u rikjest;

Illi l-ammont li ghadu mhux imhallas mis-socjeta' intimata jammonta ghal tmienja u sittin elf, mija u erbgha u disghin ewro u disgha u hamsin centezmu (E68,194. 59) (statement of account anness u mmarkat bhala Dok PBL 1);

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet inkluz permezz ta' ittra legali, datata it-tlieta u ghoxrin ta' (23) ta' Gunju 2020 (kopja taghha hawn anness u mmarkat bhala 'Dok PBL 2'), is-socjeta' intimata, baqghet inadempjenti;

Illi sussegwentement, is-socjeta rikorrenti talbet ghal-laqgha, liema laqgha saret f' Ottubru tal-2020;

Illi f' din il-laqgha, bil-ghan li jithallas id-dejn kemm jista' jkun malajr, is-socjeta rikorrenti, tramite r-rapprezentanti taghha, offriet anke l-possibilita li l-hlas isir fuq medda ta' xhur;

Illi mhux talli intlahaq ftehim, imma talli s-socjeta' intimata tramite d-direttur taghha, heddet lis-socjeta' rikorrenti bi kliem dispreggattiv u heddet li hi mhiex ser thallas id-dejn taghha;

Illi addirittura minkejja diversi interpellazzjonijijet ohrajn, sabiex jihallas ammont kollu, is-socjeta' intimata baqghet inadempjenti;

Illi l-agir tas-socjeta' intimata jikkostitwixxi ksur tal-obbligi legali taghha;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti umilment titlob ili dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-raguniijiet fuq premessi:

1. Tiddikjara lis-socjeta' intimata debitrici tas-socjeta' rikorrenti, Polidano Brothers Limited fl-ammont ta' tmienja u sittin elf, mija u erbgha u disghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€68,194. 59);

2. Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti l-imsemmija somma ta' tmienja u sittin elf, mija u erbgha u disghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€68,194. 59);

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali bl-oghla rata applikabbli ai termini tal-Ligijiet ta' Malta kontra s-socjeta' intimata li hija minn issa ngunti ghas-subizzjoni.'

Rat li permezz tal-verbal datat 26 ta' Mejju, 2021, din il-Qorti diversament preseduta astjeniet milli tiggudika hi l-kaz odjern u konsegwentement il-kaz gie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' ordni tal-Prim Imhallef datata 2 ta' Gunju, 2021;

Rat li s-socjeta' ntimata debitament notifikata permezz tal-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, naqset milli tiprezenta risposta ghal pretensjonijiet tas-socjeta' rikorrenti, fit-terminu mpost fuqha skont il-ligi, u ghalhekk din il-Qorti ghaddiet sabiex tiddikjara s-socjeta' ntimata kontumaci fil-verbal taghha tal-1 ta' Frar, 2022;

Rat l-*istatement of account*, ittra interpellatorja, affidavit u dokumenti annessi;

Rat illi fil-verbal tat-12 ta' Mejju, 2022 l-provi tar-rikorrenti gew dikjarati maghluqa u stante li s-socjeta' ntimata kienet kontumaci din il-Qorti mponiet terminu ta' xahar fuq kull parti ghall-prezentata tan-nota ta' sottomissjonijiet;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' rikorrenti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-kawza odjerna s-socjeta' rikorrenti Polidano Brothers Limtied issostni li hija kreditrici tas-socjeta' ntimata Master Construction Limited fis-somma ta' tmienja u sittin elf, mija u erbgha u disghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€68,194.59) rapprezentanti prezz ta' materjal supplit mis-socjeta' rikorrenti lill-intimata u kif rikjest mill-intimata;

Da parti taghha s-socjeta' ntimata giet dikjarata kontumaci f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti rat li l-kontenut tar-rikors gie kkonfermat bil-gurament tar-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti Paul Polidano datat 10 ta' Marzu, 2021.

Rat l-*istatement of account* datat l-1 ta' Marzu, 2021 esebit a fol. 7 et seq tal-process minn fejn jirrizulta li bejn il-partijiet kienet tezisti relazzjoni kontinwa fejn is-socjeta' intimata kienet tigi supplita b'materjal mis-socjeta' rikorrenti u l-intimata twettaq pagamenti akkont, liema relazzjoni kummercjali tmur lura mill-anqas sas-sena 2020. Rat li l-ahhar pagament akkont li sar mis-socjeta' ntimata kien fis-somma ta' erbat elef Euro (€4,000) u li jgib id-data tat-2 ta' Jannar, 2021.

Rat ukoll mill-istess *statement of account* li sad-data tad-29 ta' Jannar, 2021 is-socjeta' ntimata kienet ghadha qed tigi supplita bil-materjal mis-socjeta' rikorrenti.

Rat ukoll li skont l-istess *statement of account* il-bilanc dovut sad-data tad-29 ta' Jannar, 2021 kien fl-ammont ta' tmienja u sittin elf, mija u erbgha u disghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€68,194.59) appuntu s-somma pretiza permezz tal-kaz odjern;

Rat l-ittra interpellatorja datat 23 ta' Gunju, 2020 indirizzata lis-socjeta ntimata fejn l-ammont pretiz indikat huwa dak ta' hamsa u sittin elf, mitejn euro u hamsa u erbghin centezmu (€65,200.45) u dan ghar-raguni li din l-ittra ggib data precedenti ghall-*istatement of account* suespost minn liema jirrizulta li anki wara din id-data baqa' jigi supplit materjali mir-rikorrenti lill-intimata u l-intimata wettqet ukoll pagament akkont kif gia suespost;

Rat a fol. 41 et seq tal-process l-affidavit ta' Frankie Zammit, Chief Financial Officer tas-socjeta' rikorrenti ghal dawn l-ahhar disa' snin. Hu jixhed li huwa l-persuna nkarigat mill-kontabilita' tal-kumpanija rikorrenti u wkoll li kull meta s-socjeta' rikorrenti twettaq xi xoghlijiet jew tissuplixxi xi materjal, fosthom lis-socjeta' ntimata, huwa jiehu hsieb li dawn il-kontijiet jigu mhallsa. Jikkonferma li sa mis-sena 2020 l-quddiem is-socjeta' rikorrenti issuplixxiet materjal lis-socjeta' ntimata. Jkompli li:

'Illi minkejja li PBL obdiet l-istruzzjonijiet moghtija lilha u kienet dejjem professjonali kemm in kwantu fir-rigward tal-materjal provdut li kien dejjem skond l-istandards rikjest, kif ukoll dejjem ipprovvdiet l-istess servizzi fil-hin u minghajr l-ebda dewmien, Master Construction baqghet ma hallsietx kif rikjest minnha.
Illi l-ammont li ghadu mhux imhallas mis-socjeta' intimata jammonta ghal tmienja u sittin elf, mija u erbgha u disghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€68,194.59).'

Ix-xhud jannetti mal-affidavit tieghu kopja ohra tal-*istatement of account* gia anness mar-rikors guramentat li juri l-ammont dovut fis-somma ta' tmienja u sittin elf, mija u erbgha u disghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€68,194.59).

Jikkonferma fl-affidavit tieghu li s-socjeta' ntimata baqghet ma hallsitx dan l-ammont.

Il-Qorti rat li ghalkemm is-socjeta' ntimata giet debitament notifikata skont il-ligi, hija naqset milli tressaq kwalunkwe risposta u ghaldaqstant naqqset milli tressaq kwalunkwe oggezzjoni ghall-pretensjonijiet tas-socjeta' rikorrenti.

Illi mid-dokumentazzjoni kollha esebita u wkoll mill-konferma bil-gurament tar-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti Paul Polidano tal-kontenut tar-rikors guramentat u mix-xiehda ta' Frankie Zammit kif suespost, din il-Qorti tqis li s-socjeta' rikorrenti rnexxielha tiprova sal-grad rikjest mil-ligi l-pretensjoni taghha li s-socjeta' ntimata hija debitrici fil-konfront taghha fis-somma ta' tmienja u sittin elf, mija u erbgha u disghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€68,194.59).

Illi l-Qorti ghalhekk tqis li t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti ghandhom jigu milqugha.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

(i) Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara lis-socjeta' intimata Master Construction Limited debitrici tas-socjeta' rikorrenti Polidano Brothers Limited fl-ammont ta' tmienja u sittin elf, mija u erbgha u disghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€68,194.59);

(ii) Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lis-socjeta' ntimata Master Construction Limited thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' tmienja u sittin elf, mija u erbgha u disghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€68,194.59);

Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra s-socjeta' ntimata u bl-imghaxijiet ta' 8% mid-data tad-29 ta' Jannar, 2021 sad-data tal-pagament effettiv.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**14 ta' Lulju, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**14 ta' Lulju, 2022**